**348. Il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u Konsumatur ippropona:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi s-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetajiet lil Clubs u Assoċjazzjonijiet b'titlu ta' kera jew ċens temporanju, il-proprjetajiet kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati għaż-żmien, bil-kera jew ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont Riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skont Riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi:-

Il-proprjetajiet li jinsabu:

1. *Store* fix-Xatt tal-Isla (Fondazzjoni Temi Zammit)
2. Fond f'Ħal Kirkop (Għaqda Mużikali San Leonardo)
3. Fond fil-Furjana (Għaqda Big Friends Guggen Musik).

Kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati jiġu mogħtija b'titlu ta' kera jew ċens temporanju lill-Clubs u Assoċjazzjonijiet, imsemmija għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

5.12.12